MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 213/2007

**Josie F Sant (ID17448M)**

**vs**

**Alfio Leotta (ID20433A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u disghin Lira Maltin (LM290) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi u materjal fornit in konessjoni mall-manifattura ta' 'tailor-made stainless steel manifold' kif ukoll l-iffitjar tal-istess 'manifold' mall-magna u tiswijiet ohra maghmula lis-sistema tas-*silencer*, liema manifattura, ifittjar u tiswijiet gew ordnati minn Alfio Leotta stess fuq disinn tieghu u lilu debitament moghtija u liema somma huwa ghadu ma hallasx minkejja lli gie debitament notifikat u interpellat.

Bl-Ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-18 ta' Ottubru, 2006, tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru, 2006 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju li qed jigi prezentat kontestwalment ma din it-talba, inkluzi kull spiza ohra li tigi nkorsa fit-tehid ta' proceduri legali ulterjuri.

Bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Leotta fejn issolleva lli l-pretenzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi x-xoghol rez mill-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi;

Ra lli fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2007 l-Avukat difensur tal-konvenut irrileva eccezjoni ulterjuri lli l-attur f'din il-kawza m'ghandux l-interess guridiku skond il-ligi illi jressaq din l-azzjoni;

Sema' l-provi fuq l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Sema'  x-xhieda ta' Joseph Sant, Josie Sant u Alfio Leotta u ra  x-xhieda dokumentali pprezentato fl-atti tal-kawza;

Ikkunsidra:

It-Tribunal, sema' lill-attur jispjega kif huwa  fil-kummerc maghruf bhala Josie Silencers. Spjega kif il-konvenuta kien avvicina lilu sabiex jaghmillu bicca xoghol partikolari fejn kellu bzonn 'performance manifold' fuq magna ta' vettura tip 'Lancia.' L-Attur spjega kif il-'work shop' huwa tieghu u li  t-tifel tieghu u cioe' Joseph Sant,  jahdem fil-work shop u huwa impjegat tieghu. Spjega lli l-konvenut kien tkellem id-dettalji tax-xoghol ma ibnu peress illi ibnu kien bniedem tas-sengha li kien ha jahdem dan il'manifold' huwa stess.

Joseph Sant iben l-attur xehed kif huwa gie nkarigat biex jibni 'stainless steel manifold' ghal fuq 'silencer.' Ix-xhud qal illi l-konvenut kien qabbad lilu u spjega x-xoghol lilu.

It-Tribunal, sema' xhieda tal-konvenut fejn qal illi huwa kien innegozja ma iben l-attur kien spjega ix-xoghol li kellu jsir lit-tifel tal-attur u li kien iben l-attur illi ghamel il-'manifold' partikolari rikjest mill-konvenut. Id-dettalji tad-disinn kien taghhom lill-iben l-attur. Il-konvenut jghid illi kien jaf lill-attur 'di vista' biss u qatt ma kien ikkomunika mieghu dwar dan il-manifold. Hu kien beda jiddiskuti mall-attur biss meta inqalghu l-problemi dwar il-'manifold' peress illi ma kienx kuntent bix-xoghol li kien sar.

Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi esebiti, t-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li r-relazzjoni kienet mall-attur u mhux ma iben l-attur kif eccepixxa ulterjorment il-konvenut.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni li l-attur f'din il-kawza m'ghandux l-interess guridiku skond il-ligi illi jressaq din l-azzjoni u jordna l-prosegwiment tas-smiegh ta' din il-kawza.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------